MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 1350/2011

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Josef Grech, iben Martin, imwieled Pieta’ fl-24ta’ Mejju, 1981, karta ta’ l-identita numru 267081(M)
u
Doreen Spiteri, bint Joseph, imwielda Attard fid-29 ta’ Jannar, 1979, karta ta’ l-identita numru 167979(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli f’Novembru u Diċembru, 2011, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa b’oħra sabiex

iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' aktar minn €2,329.37, u cioe' s-somma ta' 'l fuq minn €30,000 għad-dannu ta' diversi soċjetajiet u persuni;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' oġġetti li għandhom valur ta' 'l fuq minn €30,000 għad-dannu ta' diversi soċjetajiet u persuni;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ta' ħelsien falz minn obbligi;
4. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlu użu minn dokumenti foloz;
lil **Josef Grech** waħdu:
5. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Jannar, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fil-konfront ta' **Josef Grech**:
1. fl-artikoli 308, 309 u 310(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 293, 294 u 310(a) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali; u
4. fl-artikoli 17, 18, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Fil-konfront ta' **Doreen Spiteri**:
1. fl-artikoli 308, 309 u 310(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 293, 294 u 310(a) tal-Kodiċi Kriminali;

3. fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali; u
4. fl-artikoli 17, 18, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputati reġgħu tennew il-ħtija tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Josef Grech** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Issib lill-imputata **Doreen Spiteri** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli fl-artikoli 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------